# EŻAMIJIET ANNWALI
# TAL-JUNIOR LYCEUM U L-ISKOLA SEKONDARJA 2011
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena** **STUDJI SOĊJALI** *(Option)* **Ħin: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem: ________________________** **Klassi: ________________**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET Taqsimiet (A, B u Ċ). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru fil-parentesi.**

**Taqsima A: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fit-dettall il-mistoqsijiet kollha li ġejjin:**

*L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni hija dejjem preżenti fuq l-aġenda tal-edukazzjoni filwaqt li l-istatistika turi li għad hemm l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Minn analiżi taċ-ċensiment tal-popolazzjoni Maltija tal-2005, inqas nisa laħqu l-livell ta' edukazzjoni sekondarja jew aħjar. Iżda hemm dubju kemm dan se jibqa' l-istess fl-għaxar snin li ġejjin għax iktar nisa minn irġiel qed ikomplu javvanzaw wara l-iskola obbligatorja. Fis-sena 2001-02 ir-rata ta' tfajliet fil-*Junior College *tal-Università kienet ta' 56.4%. Din żdiedet għal 57.8% fis-sena 2003-04 u għal 59.3% fis-sena 2007-08 (ibbażata fuq informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-*Junior College*). Fl-MCAST, in-nisa huma inqas mill-irġiel forsi minħabba li din l-istituzzjoni hija ffukata aktar fuq l-edukazzjoni vokazzjonali. Fis-sena 2003-04 ir-rata ta' nisa f'dan il-Kulleġġ kienet ta' 41.6% min-numru globali ta' dħul għal dik is-sena (ibbażat fuq informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-MCAST). Fis-sena 2004-05, din il-perċentwali kienet terġa' inqas meta niżlet għal 33.8% (ETC 2005, p. 17).*

**Meħud mill-ktieb** ***Social Transitions in Maltese Society*** **ta' J. Cutajar u G. Cassar (2009), pp. 62-63**

**Mistoqsijiet:**

1. Spjega din is-sentenza: *L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni hija dejjem preżenti fuq l-aġenda tal-edukazzjoni filwaqt li l-istatistika turi li għad hemm l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.* (4)
2. Għaliex taħseb li hemm iktar nisa milli rġiel li qed ikomplu jistudjaw wara l-iskola obbligatorja? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (4)
3. *Fis-soċjetà li ngħixu fiha ftit issib nisa li għandhom karigi ta' ċerta responsabbiltà.* Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li qed iwasslu għal dan. (4)
4. Waqt li aktar min-nofs l-istudenti fil-Junior College huma tfajliet, fl-MCAST fis-silta t'hawn fuq tindika li fl-MCAST hemm persentaġġ inqas ta' tfajliet li jattendu f'dan il-Kulleġġ. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għal dan. (4)
5. Semmi **ŻEWĠ** benefiċċji li għandhom in-nisa biex ma jitilfux l-impjieg tagħhom meta jkollhom it-tfal. (4)
6. L-Artikolu 14 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li: *l-Istat b'mod partikulari għandu jimmira li l-ħaddiema nisa jgawdu drittijiet indaqs u l-istess pagi għall-istess xogħol bħall-irġiel.* Ikkummenta dwar dan f'paragrafu ta' madwar 30 kelma. (6)
7. Semmi **ŻEWĠ** organizzazzjonijiet internazzjonali li jgħinu lin-nisa jimxu aktar 'il-quddiem fis-soċjetà. (4)
8. Xi żviluppi saru favur ir-rwol tal-mara fis-soċjetà Maltija? (5)

**(35 marka)**

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettal il-mistoqsijiet kollha li ġejjin:**

*Il-popolazzjoni ta' pajjiż għandha effett dirett fuq l-istat ambjentali b'diversi modi. Il-konsum mhux sostenibbli tar-riżorsi u l-ġenerazzjoni ta' skart u ta' prodotti perikolużi huma fil-quċċata tal-lista ta' attivitajiet li jħallu impatt fuq l-ambjent. Id-daqs ċkejken tal-Gżejjer Maltin, u partikolarment id-densità għolja tal-popolazzjoni, jista' jħalli impatt dirett fuq l-ambjent. Bejn il-1990 u l-2005 il-popolazzjoni totali ta' Malta żdiedet b'rata ta' 12.01% (Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali 2006, p. 19). Tassew, Malta għandha l-ogħla densità ta' popolazzjoni fid-dinja kollha. Fl-2005 fl-Unjoni Ewropea l-medja ta' persuni għal kull kilometru kwadru kien ta' 25, filwaqt li f'Malta kien ta' 117.5, jiġifieri 10.8% aktar.*

**Adattat minn *Social Transitions* ta' J. Cutajar u G. Cassar (2009), p. 314**

**Mistoqsijiet:**

1. Spjega xi tfisser il-frażi **konsum mhux sostenibbli ta' riżorsi**. (3)
2. Spjega fil-qosor x'inhi **densità tal-popolazzjoni**. Semmi **TLIET** problemi ambjentali li wieħed jiltaqa' magħhom f'reġjuni popolati ħafna. (6)
3. *Fl-2005 fl-Unjoni Ewropea l-medja ta' persuni għal kull kilometru kwadru kien ta' 25, filwaqt li f'Malta kien ta' 117.5.* Semmi **ŻEWĠ** postijiet f'Malta li huma popolati ħafna u **TNEJN** li huma inqas popolati. (4)
4. *Waħda mir-raġunijiet għaż-żieda fl-attivitajiet umani hi t-turiżmu.* Semmi **ŻEWĠ** effetti pożittivi u **ŻEWĠ** effetti negattivi fuq iż-żieda tat-turiżmu. (4)
5. Issuġġerixxi **ŻEWĠ** modi prattiċi u aċċettabbli ta' kif tista' tikkontrolla ż-żieda fil-popolazzjoni. (4)
6. Għaliex huwa aktar faċli għall-pajjiż li qed jiżviluppa biex inaqqas ir-rata ta' mwiet milli r-rata tat-twelid? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (5)
7. *L-art agrikola qiegħda tonqos b'mod mgħaġġel u qed tittieħed għall-kostruzzjoni.* Fl-opinjoni tiegħek dan huwa żvilupp pożittiv? Għandu jiġi mwaqqaf u kkontrollat b'xi mod? Kif? Saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji. (9)

**(35 marka)**

**Taqsima Ċ: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 250-280 kelma:**

1. *L-influwenza tal-peer group fuq iż-żgħażagħ hija aktar qawwija minn dik ta' aġenti oħra ta' soċjalizzazzjoni.* Iddiskuti.
2. *Malta qiegħda ssir soċjetà sekulari.* Iddiskuti u agħti eżempji sabiex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.
3. X'inhi d-differenza bejn **welfare state** u **welfare society**? Agħti eżempji prattiċi. Iddiskuti r-relazzjoni bejn **welfare** u **ġustizzja soċjali**.

**(30 marka)**